32005R1148

L 185/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 16.7.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1148/2005

tal-15 ta' Lulju 2005

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jistabbilixxi proċedura tal-Komunità biex jiġu determinati l-limiti massimi tar-residwi tal-prodotti tal-mediċina veterinarja fl-affarijiet tal-ikel li huma ta' oriġini mill-annimali, fir-rigward tal-penethamate.

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,
Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jistabbilixxi l-limitu massimu tar-residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji f'oġġetti tal-ikel ta' oriġini mill-annimali[1], u partikolarment l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini li kienet ifformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

(1) Is-sustanzi farmakoloġikament attivi li jiġu użati fil-Komunità fil-prodotti mediċinali veterinarji u li l-għan tagħhom huwa biex jintużaw fuq l-annimali li jipproduċu l-ikel għandhom jiġu evalwati skont ir-Regolament (KEE) Nru 2377/90.

(2) Il-Penethamate ġie inkluż fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 għall-prodotti taċ-ċanga u tal-majjal għall-muskoli, ix-xaħam, il-fwied u l-kliewi u għall-ħalib imma biss għall-baqar. Li din l-annotazzjoni għandha tiġi estiża għal l-ispeċi mammiferi kollha li jintużaw għall-prodotti tal-ikel.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 2377/90 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Għandu jitħalla biżżejjed żmien jgħaddi qabel ma jibda jseħħ dan ir-Regolament biex fid-dawl ta' dan ir-Regolament l-Istati Membri jkollhom iċ-ċans jagħmlu kull tibdil

[1] ĠU L 224, 18. 8. 1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 75/2005 (ĠU L 15, 19.01.2005, p. 3).

meħtieġ lill-awtorizzazzjoni għas-suq li jkunu mogħtija skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandha x'taqsam mal-prodotti mediċinali veterinarji.

(5) Il-miżuri pprovduti għal dan ir-Regolament jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Prodotti Mediċinali Veterinarji.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Huwa jkun japplika mill-14 ta' Settembru 2005.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi President

ANNESS

A. Is-sustanzi msemmijin hawn taħt huma mdaħħlin fl-Anness I (Lista tas-sustanzi attivi farmakoliġikament li għalihom ġew fissi l-limiti massimi tar-residwi)-{}-

1. Aġenti kontra l-mard infettiv				
1.2. Antibiotiċi-{}-				
1.2.1. Penisilin				
Sustanzi attivi farmakoloġikament	*Residwu markatur*	*Speċi tal-annimali*	*MRLs*	*Tessuti involuti*
Penethamate	Benzylpenicillin	L-ispeċi kollha li jipproduċu l-ikel minnhom	50 µg/kg	Muskoli
			50 µg/kg	Xaħam
			50 µg/kg	Fwied
			50 µg/kg	Kliewi
			4 µg/kg	Ħalib